# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 461/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Seduta tal-24 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Christopher Abela, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 186269M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 ta' Dicembru, 2014 ghall-habta ta' 01:00 bhala persuna li kellu fuq ismu l-licenzja tal-hanut Taboo Wine Bar, Cospicua Road, Paola, halla li ssir attivita' kummercjali li qieghda f'zona urbana ggenerat storbju li instema' minn barra tal-post li kkawza sikkatura u disturb lill-girien bid-daqq ta' muzika b'live bands jew muzika amplifikata jew mezzi ohra wara l-23:00hrs u dan bi ksur ta' LS 441.07 tat-Tieni Skeda Reg 13 (10).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Ottubru, 2016 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzzjoni migjuba kontrih w kkundannatu ghal ammenda ta' elf euro (€1,000) u ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta issospendiet l-licenzja moghtija lill-imputat f'dak li ghandu x'jaqsam mal-ezercizzju ta' dik l-attivita' kummercjali zvolta mill-istabbiliment de quo ghal perjodu ta' xahrejn;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **thassar** u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn sabitu hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u tilliberah minn kull htija u piena **jew, tirriformaha u tvarjha** in kwantu l-piena billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi l-istess b'piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata, li biha instab hati tal-imputazzjoni singolari kif riportata *supra,* bil-gravmi illi ma rrizultax pruvat illi l-muzika in kwistjoni kienet ta' livell li tikkawza sikkatura jew disturb lill-girien. Huwa jressaq l-argument illi l-Pulizija ma ghamlet l-ebda referenza ghall-

kwalita' jew volum tal-muzika kif ukoll ma ghamlet ebda referenza ghall-origini tal-muzika.

2. Illi l-fatti ta' dan il-kaz, brevement rakkontati, jirrigwardaw ilment minn koppja dwar hsejjes ta' muzika generat mill-bar gestit mill-appellant. Muzika ta' livell li skond il-kwerelanti qed tikkawza inkonvenjent serju li qed ikollu effett fuq il-hajja taghhom. Dan huwa wiehed minn sensiela ta' lmenti minn din il-koppja wara li l-muzika tibqa' ghaddejja sas-sieghat bikrin ta' filghodu minkejja li l-appellant ghandu licenzja biex idoqq muzika biss sal hdax ta' filghaxija. Dawn l-ilmenti taw lok ghal diversi kawzi li fihom kien mahtur perit tekniku sabiex ikejjel il-livell ta' hsejjes generati.

3. Issa, mir-rapport ta' dan l-espert ma hemmx dubju illi il-hsejjes huma ta' livell li jikkagunaw dak id-disturb u sikkatura ravvizat fil-ligi. Minkejja li dan huwa kaz minn diversi ohra, kull wiehed minnhom irid ikun gudikat fuq il-merti tieghu. Dan qed jinghad ghaliex wara li din il-Qorti fliet l-atti processwali sabiex tezamina id-deposizzjoni ta' WPS 167 kif ukoll dik tal-kwerelanti, dejjem kwantu l-ewwel ragunament tal-appellant, irriskontrat is-segwenti:

4. WPS 167 xehedet illi fl-24 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu, s-Sur Conrad Borg cempel l-ghassa ta' Paola biex jirrapporta inkonvenjent konsistenti f' daqq ta' muzika fil-bar denominat Taboo Bar minkejja li hin qabel l-espert tal-Qorti kien acceda biex ikejjel il-livelli ta' din il-muzika. Il-Pulizija accediet fil-fond in kwistjoni fejn kienet qed tindaqq xi muzika.:

*"Nhar 25/12/2014 ghall habta ta' 01:00hrs il-pulizija irceviet telefonata minghand Conrad Galea residenti gewwa triq Bormla Paola fejn ried jaghmel ilment rigward muzika li kienet qieghda tindaqq Taboo bar. …….. Il-Pulizija marret il-Hanut Taboo Bar fejn kienet qedha tindaqq xi muzika. Sid il-hanut Christopher Abela …. gie infurmat illi tahrikiet relatati ser jinhargu.".*

5. Din l-ufficcjal qed tirreferi ghall-dak li ikkonstat il-Pulizija b'mod generali u ghalhekk mhux necessarjament ghal dak li kkonstat hi stess. Dan ghalhekk kien jehtieg li jkun korroborat b'xhieda ohra. Id-deposizzjoni tal-kwerelanti, izda, inghatat fil-21 ta' Jannar 2014, li certament ma setghetx tirreferi ghall-dak li allegatament sehh fil-25 ta' Dicembru, 2014, il-fatt imputat lill-appellant. Lanqas mir-relazzjoni tal-Prof. Agius ma jirrizulta li huwa ghamel access f'dik id-data, ossia fl-24 ta' Dicembru, 2014 bejn il-hdax ta' filghaxija u l-kwarta ta' filghodu allura tal-25 ta' Dicembru. Il-Qorti tista' tifhem illi dak li gara hu li l-kawzi kienu trattati flimkien u jirrizulta fil-fatt illi x-xhieda f'kaz wiehed ittiehed bhala valida fil-kawzi l-ohra. Madankollu, jibqa' l-fatt li kien hemm htiega ta' xhieda bhala prova li f'dak il-jum u hin kienet qed tindaqq muzika b'volum gholi tant li kien qed jikkawza inkonvenjent;

6. Din il-prova ma jidhirx li saret ghaliex dak li tghid WPS 167 jidher li qed jirreferi ghal dak li kkonstatat il-Pulizija u mhix hi direttament kif ukoll illi l-kwerelanti qatt ma xehdu, almenu hekk jidher mill-atti processwali, dwar l-inkonvenjent minnhom lamentat f'dik id-data;

7. Illi ghalhekk l-appellant ghandu ragun fl-ewwel aggravju tieghu u konsegwentement, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-argumenti l-ohra fl-ewwel aggravju u tat-tieni aggravju, tilqa' l-appell u thassar is-sentenza appellata u ghalhekk tillibera lill-imputat minn kull htija u piena kif ukoll mis-sospensjoni tal-licenzja imposta mill-ewwel Qorti.